MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1508/2004

**George Giordemaina**

**Vs**

**Rudy Camilleri**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' seba' mija u tletin lira Maltin (Lm730) rapprezentanti kwantu ghal mija u tletin lira Maltin (Lm130) bhala bilanc u spejjez ta' materjal wara l-bejgh ta' vettura Honda CRX lill-konvenut u tiswija fuq vettura kif ordnat mill-istess konvenut u kwantu ghal sitt mitt lira Maltin (Lm600) rapprezentanti danni sofferti mill-attur kwantu ghall-hsarat fil-vettura tat-tip Ford Escort RS, liema vettura nxtrat mill-attur minghand il-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' seba' mija u tletin lira Maltin (Lm730), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------